MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42/8
## (Kontinwazzjoni ta` Laqgha Nru 41)

Il-Hamis 11 ta' Frar 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u M. Micallef

AĠENDA

042.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

042.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (39/08 [12/1/2021])

042.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

042.4 Is-Sitwazzjoni ta` Triq il-Kbira;

042.5 Hatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;

042.6 Intervisti: Post Vakant ghall-Ufficjal Ezekuttiv (skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;

042.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

042.8 Rapporti;

042.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

042.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

042.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filgħaxija (5.40pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 042.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex tigi skuzata. Din it-talba giet approvata minn dawk prezenti.

042.2. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (39/08 [12/1/2021])**

Dan l-item giet diskuss fil-laqgha Nru 41.

042.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

042.3.1 Is-Sindku prezentat iz-zewg Change Request relatati mall-Mizura 4.3,fejn talbet sabiex jigu approvati dan iz-zewg rikjesti fejn il-Kunsill qed jiltob ghall-estenzjoni taz-zmien sa` Gunju 2021 u sabiex minflok it-triq li saret mill-Kunsill ta` Hal-Ghaxaq isiru zewg toroq ohra: Habel Wati u Triq Xlejli li tibqa` sejra ghal Sqaq Munxar. Dawn ir-rikjesti gew approvati minn dawk prezenti.

042.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kull darba li jkun hemm bzonn tinbidel l-antenna ta` dawl ta` toroq dawn ser jinbdew jinbidlu ghal LED. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

042.3.3 Gew prezentati l-kwotazzjonijiet sabiex jinxtara cordless jigger ghall-haddiema tal-Kunsill, fejn il-Kunsill qabel li jinxtara l-ahjar prodott ghal bzonnijiet li qed jinxtara ghalihom.

042.3.4 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-talba li kien hemm minghand resident biex tinghalaq il-bokka tas-shelter ta` quddiem il-garage tieghu. Is-Sindku prezentat kwotazzjoni ta` pjanci sabiex jitpoggew fuq il-bokka tas-shelter li tammonta ghal aktar minn hames mitt ewro. Is-Sindku ziedet tghid li minflok jista` jitpogga njam b`sahhtu u l-ispiza tkun wahda inqas. Il-Kunsill qabel li jsir njam temporanjament.

042.3.5 Prezentata skema SPI.SCI.2.2021 Finanzjament ghal zvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f` Malta u Ghawdex mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Fis- 6.05pm Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

042.3.6 Is-Sindku prezentat Cir AKL 2021/002 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus ghall-Kunsilli Regjonali u Kunsilli Lokali, fejn il-hlas huwa ta` 65 euros. Il-Kunsill qabel li jaghmel din il-polza ta` assigurazzjoni.

042.3.7 Is-Sindku talbet sabiex il-haddiem tal-Kunsill li jaghmel uzu mill-van tieghu ghal bzonnijiet ta` xoghol jibda jinghata 50euro fix-xahar biex ikopri l-spejjez tal-petrol u ghall-*wear and tear.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

042.3.8 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-kwotazzjoni ta` tindif tal-latrina pubblika ta` Gnien R.Caruana fejn talbet sabiex il-kuntratt jsir ghal sitt xhur bil-possiiblita li jigedded. Dwar dan kien hemm qbil.

042.4. **Is-Sitwazzjoni ta` Triq il-Kbira;**

Dan l-item giet diskuss fil-laqgha Nru 41.

042.5 **Hatra ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;**

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill irid jerga` jaghzel persuna ohra biex timla` l-post vakant ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv peress li l-persuna li kienet diga nominata fil-laqgha precedent ma laqatx talba. Is-Sindku proponiet lis-Sinjorina Maria Micallef impejgata mar-Regjun Nofsinhar. Il-Vici Sindku ssekonda u kien hemm qbil minn dawk kollha prezenti.

042.6. **Intervisti: Post Vakant ghall-Ufficjal Ezekuttiv (skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;**

Dan l-item giet diskuss fil-laqgha Nru 41.

042.7. **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

042.7.1 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex jigu nstallati road humps fi Triq Victor Pasmore kemm jista` jkun malajr.

042.7.2 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex isir stop sign fit-tarf ta` Triq Victor Pasmore.

042.8. **Rapporti;**

Ma kienx hemm rapporti.

042.9. **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

042.10. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 21/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €35,893.63 u ġiet approvata nem con.

042.11. **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha neqsin ghoxrin ta` filghaxija (6.40pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 9 ta` Marzu 2021 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum Tlieta 9 ta' Marzu 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv